KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 16 ta' Novembru 2011 (28.11)
(OR. en)

17057/11

PUBLIC 98

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL SETTEMBRU 2011 |

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2011[1] [2].

– ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bağitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet ( http://consilium.europa.eu/ ) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju ta' Kull Xahar tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku ).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu/, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

# LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
# F'SETTEMBRU 2011

**Proċedura bil-miktub konkluża fl-1 ta' Settembru 2011**

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 905/2011 tal-1 ta' Settembru 2011 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja
ĠU L 232, 9.9.2011, p. 14–18

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/625/PESK tas-22 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 246, 23.9.2011, p. 30–32

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tat-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 253, 29.9.2011, p. 8–11

**Proċedura bil-miktub konkluża fit-2 ta' Settembu 2011**

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 906/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 193/2007, li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' polyethylene terephthalate li joriġina fl-Indja, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina, inter alia, fl-Indja
ĠU L 232, 9.9.2011, p. 19–28

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32–32

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31–31

2011/684/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/684/PESK tat-13 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 33–35

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 18–20

2011/523/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta’ Settembru 2011 li parzjalment tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana
ĠU L 228, 3.9.2011, p. 19–21

**Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta' Settembru 2011**

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 907/2011 tas-6 ta’ Settembru 2011 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 1105/2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta’ tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta’ tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u fit-Tajwan
ĠU L 232, 9.9.2011, p. 29–30

**It-3109 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fit-12 ta' Settembru 2011**

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 — pożizzjoni tal-Kunsill
ĠU C 271, 14.9.2011, p. 6–6

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 — pożizzjoni tal-Kunsill
ĠU C 271, 14.9.2011, p. 7–7

Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġusitzzja
ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1–17

Direttiva 2011/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Settembru 2011 li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta’ merkanzija tqila għall-użu ta’ ċerti infrastrutturi (Test b’relevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 1–16

Direttiva 2011/77/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Settembru 2011 li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta’ protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta’ ċerti drittijiet relatati
ĠU L 265, 11.10.2011, p. 1–5

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji fir-rigward ta' mikroentitajiet
10765/11 + COR 1 (de) + COR 2 (de)

2011/664/: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Kostituzzjoni u r-Regoli ta' Proċedura emendati tal-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma
ĠU L 264, 8.10.2011, p. 12–13

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 917/2011 tat-12 ta' Settembru 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
ĠU L 238, 15.9.2011, p. 1–23

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija
13733/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu
13566/11

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/538/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/565/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)
ĠU L 236, 13.9.2011, p. 10–10

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/537/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/576/PESK dwar il-missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)
ĠU L 236, 13.9.2011, p. 8–9

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/536/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia)
ĠU L 236, 13.9.2011, p. 7–7

2011/654/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/027 NL/Noord-Brabant Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)
ĠU L 263, 7.10.2011, p. 11–11

2011/655/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2010/028 NL/Overijssel Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)
ĠU L 263, 7.10.2011, p. 12–12

2011/656/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/029 NL/Zuid-Holland u Utrecht Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)
ĠU L 263, 7.10.2011, p. 13–13

2011/657/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EFG/2010/030 NL/ Noord-Holland u l-Flevoland Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)
ĠU L 263, 7.10.2011, p. 14–14

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank
12816/11

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31–31

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32–32

2011/547/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2011 dwar il-varar ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fir-Rumanija
ĠU L 242, 20.9.2011, p. 8–8

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Azerbajġan, ir-Repubblika tat-Turkmenistan u l-Unjoni Ewropea dwar qafas legali għal Sistema ta' Katusi (Gass Naturali) li jgħaddu mill-Kaspju
12729/11

**Proċedura bil-miktub konkluża fil-15 ta' Settembru 2011**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/625/PESK tat-22 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 246, 23.9.2011, p. 30–32

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tat-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 253, 29.9.2011, p. 8–11

**It-3110 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura/Sajd) li saret fi Brussell fl-20 ta' Settembru 2011**

Pożizzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 10/2011 fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE Adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Settembru 2011
ĠU C 304E, 15.10.2011, p. 1–21

Direttiva tal-2011/84/UE tal-20 ta' Settembru 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, dwar il-prodotti kożmetiċi, għall-iskop tal-adattament tal-Anness III tagħha mal-progress tekniku (Test b'relevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 283, 29.10.2011, p. 36–38

2011/697/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/697/PESK tal-20 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/621/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana
ĠU L 276, 21.10.2011, p. 46

**Proċedura bil-miktub konkluża fit-22 ta' Settembru 2011**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/625/PESK tas-22 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 246, 23.9.2011, p. 30–32

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tat-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 253, 29.9.2011, p. 8–11

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/627/PESK tat-22 ta' Settembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire
ĠU L 247, 24.9.2011, p. 15–16

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 949/2011 tat-22 ta' Settembru 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire
ĠU L 247, 24.9.2011, p. 1–2

**Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2011**

2011/684/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/684/PESK tat-13 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 33–35

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011 tat-13 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 18–20

**It-3111 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fi Brussell fit-22 u t-23 ta' Settembru 2011**

Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b'viża u dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' din il-lista
ĠU L 287, 4.11.2011, p. 9–12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar titjib fl-effiċjenza tal-programmi finanzjarji futuri tal-UE li jappoġġaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja
13971/11 + REV1 (pl)

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri
9822/11 + COR1 (fi)

**Proċedura bil-miktub konkluża fis-26 ta' Settembru 2011**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 964/2011 tas-26 ta' Settembru 2011 dwar l-iffissar tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Lulju 2010 għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti b'kuntratt tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu f'pajjiżi terzi
ĠU L 253, 29.9.2011, p. 1–7

**It-3112 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin/Kummerċ) li saret fi Brussell fis-26 ta' Settembru 2011**

2011/637/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2011 li temenda u testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/641/KE dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Partenarjat AKP-KE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp
ĠU L 252, 28.9.2011, p. 1–7

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/635/PESK tas-26 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja
ĠU L 249, 27.9.2011, p. 12–17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 956/2011 tas-26 ta' Settembru 2011 li jimplimenta l-Artikoli 12(1) u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja
ĠU L 249, 27.9.2011, p. 1–5

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili
ĠU L 273, 19.10.2011, p. 3–22

**Proċedura bil-miktub konkluża fit-28 ta' Settembru 2011**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tas-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 253, 29.9.2011, p. 8–11

**It-3113 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività) li saret fi Brussel fid-29 u t-30 ta' Settembru 2011**

Direttiva 2011/82/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq
ĠU L 288, 5.11.2011, p. 1–15

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004
PE-CONS 43-11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2011 tal-Qorti tal-Awdituri rigward il-verifika tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs
14208/11

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/641/PESK tad-29 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova
ĠU L 254, 30.9.2011, p. 18–19

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/639/PESK tad-29 ta' Settembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan
ĠU L 257, 1.10.2011, p. 24–46

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 968/2011 tad-29 ta' Settembru 2011 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan
ĠU L 257, 1.10.2011, p. 1–23

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija Ewropea kompetittiva: Kompetittività industrijali fid-dawl ta' użu effiċjenti tar-riżorsi
14181/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-inizjattiva tal-ipprogrammar konġunt 'Iktar Snin, Ħajjiet Aħjar'
14205/11

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3109 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fit-12 ta' Settembru 2011** | | | |
| Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011— pożizzjoni tal-Kunsill | 13061/11 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>kontra: NL, AT:<br>astensjoni: DE, SE |
| Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 — pożizzjoni tal-Kunsill | 13063/11 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà, u ġustizzja | PE-CONS 22/3//11 REV3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>kontra: UK |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-drittijiet ta' vot**<br>"Il-Kummissjoni tfakkar li l-prinċipju ta' awtonomija istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea jimpedixxi lill-pajjiżi terzi (inklużi pajjiżi assoċjati) id-dritt għal votazzjoni fl-Aġenzija. Konsegwentement, li l-Kummissjoni taċċetta l-kompromess stabbilit mill-koleġislaturi huwa bbażat fuq il-prinċipju li dan il-kompromess ma jagħtix drittijiet għal votazzjoni lill-pajjżi assoċjati, u lanqas ma joħloq aspettattivi f'dan is-sens." | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit qed jivvota kontra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja minħabba l-inklużjoni tal-Artikolu 10(4), li jispeċifika s-sede tal-Aġenzija fit-test prinċipali tar-Regolament.<br>Permezz tal-vot tiegħu, ir-Renju Unit jafferma mill-ġdid il-fehma tiegħu u jtenni mill-ġdid il-pożizzjoni stabbilita fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill li:<br>Il-post tal-Aġenziji tal-UE għandu jkompli jsir bi qbil komuni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri; u<br>L-inklużjoni ta' dan it-test bl-ebda mod ma tikkostitwixxi preċedent fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar is-sedi tal-Aġenziji tal-UE fil-futur. | | | |
| Direttiva 2011/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Settembru 2011 li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta’ merkanzija tqila għall-użu ta’ ċerti infrastrutturi (Test b’relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 24/11 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>kontra: ES, IT:<br>astensjoni: IE, PT, NL |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 9(2)**<br>"Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2011/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE ma jimponix obbligi li jorbtu lill-Istati Membri." | | | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-premessa 25**<br>"It-terminu "f'distanza raġonevoli" fil-premessa 25 tad-Direttiva 2011/.../UE għandu jinftiehem li jirreferi għal rotot alternattivi li jirrappreżentaw varjazzjonijiet żgħar fid-distanza tal-vjaġġ tul il-kuritur, fejn jista' jintwera li parti sostanzjali mit-traffiku fuq distanza twila tista' tiġi ddevjata lejhom b'riżultat tal-mark-up, u li t-traffiku ddevjat fuqhom minħabba l-applikazzjoni tal-mark-up ikun jgħodd għal parti sostanzjali mit-traffiku fuq distanza twila." | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Irlanda**

"L-Irlanda tinnota li l-adozzjoni proposta ta' emendi għad-Direttiva dwar l-Eurovignette fuq il-bażi legali waħdanija tal-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma hix adatta għal miżura leġislattiva li fiha dispożizzjonijiet fiskali sostanzjali.

F'konformità mal-osservazzjonijiet li l-Irlanda għamlet qabel f'ċirkostanzi simili, l-Irlanda tibqa' tal-fehma li fejn il-leġislazzjoni tal-UE tinkludi dispożizzjonijiet fiskali l-bażi legali għandha tinkludi, unikament, jew, fejn ikun adatt, b'mod konġunt, wieħed mill-Artikoli tat-Trattat li jittratta kwistjonijiet fiskali.

F'dan il-każ, l-Irlanda temmen li bħala bażi legali għad-Direttiva Emendatorja kellu jintuża l-Artikolu 113.

L-Irlanda tappoġġja l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni fuq bażi bbilanċjata għall-modi kollha tat-trasport fl-interess tal-iżvilupp ekonomiku sostenibbli.

Madankollu, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għandha ssir b'manjiera li ma jiġix immirat xi mod ta' trasport jew utent tat-trasport partikolari.

Fil-kriżi ekonomika attwali, dak kollu li jżid l-ispejjeż għall-prodotti jew is-servizzi tagħna huwa materja ta' tħassib serju għall-Irlanda."

**Dikjarazzjoni mill-Italja**

"Filwaqt li taqbel mal-prinċipji ekoloġiċi li jsostnu l-emenda proposta għad-Direttiva *Eurovignette*, huwa b'dispjaċir kbir li l-Italja jkollha titfa' vot negattiv fuq it-test li jirriżulta min-negozjati twal u kumplessi, li matulhom, barra minn hekk, aħna qatt ma nqasna li nagħmlu kontribut kostruttiv. It-test tal-ftehim finali, madankollu, iqajjem problemi kbar minħabba li:

Id-Direttiva tkompli żżid l-impatt tal-ispejjeż tat-trasport fuq il-valur tal-prodotti trasportati, fi żmien ta' diffikultà fl-irpiljar ekonomiku u mingħajr ma toffri ebda ċertezza rigward it-trasferiment ta' riżorsi ġġenerati biex jassistu fix-xogħlijiet ta' infrastruttura meħtieġa identifikabbli. Sistema Ewropea li issa fiha aktar minn 90% tal-prodotti jiġu ttrasportati bit-triq, filwaqt li l-ispiża tal-provvista u t-trasport f'xi każijiet teċċedi l-livell ta' 25%, titgħabba b'aktar piż minn ħlasijiet li mhumiex investiti mill-ġdid fil-qasam tan-netwerks tal-infrastruttura jew tas-settur tat-trasport inġenerali. Dan ifisser li d-Direttiva ssir prinċipalment biċċa leġislazzjoni fiskali, li tqajjem dubji dwar l-adegwatezza tal-bażi legali li tirreferi għal "trasport" li kienet adottata, u huwa ċar li tinsab f'kunflitt mal-istrateġija "Ewropa 2020" u l-politika ta' koeżjoni. Hija qed tikkawża wkoll ħsara serja fil-qasam tat-trasport bit-triq, li minkejja n-nefqa tar-riżorsi ma jirċievi l-ebda benefiċċju, pereżempju f'termini ta' titjib fl-effiċjenza tal-infrastruttura disponibbli.

Speċifikament, aħna kkonċernati ħafna dwar il-fatt li d-direttiva lanqas biss tintroduċi d-dispożizzjoni dwar "*mini-earmaking*", jiġifieri l-previżjoni għall-investiment mill-ġdid fil-proġetti prijoritarji tan-netwerks TEN ta' riżorsi li jirriżultaw minn multiplikaturi tal-muntanji tal-ispejjeż esterni.

Tqajjem tħassib ukoll bid-dispożizzjoni li tintroduċi inċertezza għall-qafas legali għall-impożizzjoni ta' *mark-up* (fin-nuqqas ta' referenzi speċifiċi għal delimitazzjoni ċara ta' distanza), u b'hekk tippermetti l-applikazzjonijiet possibbli ta' tali ħlas supplementari b'mod arbitrarju.

Barra minn hekk, id-direttiva ma tqisx l-ispeċifiċitajiet ta' xi pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, bħall-Italja, fir-rigward tan-natura muntanjuża tagħhom, in-numru ta' passaġġi fil-muntanji u l-livell għoli ta' użu tal-art (antropizzazzjoni); u dan jispiċċa biex jaffettwa konsiderevolment il-kompetittività tal-

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| proċessi ta' produzzjoni (il-"multiplikaturi tal-muntanji" effettivament jinvolvu żidiet kbar fl-ispejjeż esterni applikabbli u jippenalizzaw it-tkabbir u l-iżvilupp).<br>Għalhekk, in-negozjati dwar l-emenda tad-Direttiva dwar l-Eurovignette kienu opportunità mitlufa, f'kontradizzjoni miftuħa u paradossali mal-objettiv (affermat mill-ġdid fil-White Paper reċenti dwar it-Trasport tal-2011) tal-ħolqien ta' qafas finanzjarju imġedded sabiex tiġi żviluppata sistema integrata u effiċjenti u jiġi żgurat l-appoġġ meħtieġ għat-tlestija tal-infrastrutturi strateġiċi meħtieġa mill-Unjoni Ewropea.<br>Nittamaw li fil-futur, b'mod partikolari fir-rigward ta' dossiers ta' importanza simili, jittieħed kont suffiċjenti tal-ħtieġa li jkun rikonċiljat tħassib leġittimu billi jintagħżlu soluzzjonijiet bilanċjati li ma jippenalizzawx Stati Membri individwali u ma jirriżultawx fl-adozzjoni ta' pożizzjonijiet riġidi min-naħa tagħhom." | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u l-Isvezja**

"Ir-Renju Unit u l-Isvezja jinnotaw li l-adozzjoni proposta ta' emendi għad-Direttiva dwar l-Eurovignette fuq il-bażi legali waħdanija tal-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma hix adatta għal miżura leġislattiva li fiha dispożizzjonijiet fiskali sostanzjali.

F'konformità mal-osservazzjonijiet li r-Renju Unit u l-Isvezja għamlu qabel f'ċirkostanzi simili, ir-Renju Unit u l-Isvezja jibqgħu tal-fehma li fejn il-leġislazzjoni tal-UE tinkludi dispożizzjonijiet fiskali l-bażi legali għandha tinkludi, unikament, jew, fejn ikun adatt, b'mod konġunt, wieħed mill-Artikoli tat-Trattat li jittrattaw kwistjonijiet fiskali.

F'dan il-każ, ir-Renju Unit u l-Isvezja jemmnu li bħala bażi legali għad-Direttiva Emendatorja kellu jintuża l-Artikolu 113.

L-appoġġ tar-Renju Unit u l-Isvezja għal din id-Direttiva huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom dwar miżuri simili fil-futur."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni**

"Il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn tagħha li tiżgura li l-Istati Membri jistabbilixxu tabelli ta' korrelazzjoni li jorbtu l-miżuri tat-traspożizzjoni li jadottaw mad-Direttiva tal-UE u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fil-qafas tat-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE, fl-interess taċ-ċittadini, ta' tfassil aħjar tal-liġijiet u ż-żieda fit-trasparenza legali, u biex jassistu fl-eżami tal-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-UE.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha għan-nuqqas ta' appoġġ għad-dispożizzjoni inkluża fil-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Eurovignette), li kellha l-mira li tagħmel l-istabbilment tat-tabelli ta' korrelazzjoni obbligatorju.

Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u sabiex tiżgura l-adozzjoni immedjata ta' dik il-proposta, tista' taċċetta s-sostituzzjoni tad-dispożizzjoni obbligatorja dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni inkluża fit-test bi premessa rilevanti li tħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu din il-prassi. Fi żmien tnax-il xahar wara l-adozzjoni ta' dan il-ftehim fil-plenarja hija ser tinforma u tagħmel rapport fi tmiem il-perijodu tat-traspożizzjoni dwar il-prassi tal-Istati Membri li jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli proprji tagħhom li juru, sa fejn hu possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom pubbliċi.

Madankollu, il-pożizzjoni li segwiet il-Kummissjoni f'dan il-fajl ma għandhiex titqies bħala preċedent. Il-Kummissjoni ser tkompli bl-isforzi tagħha bl-għan li flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill issib soluzzjoni adatta għal din il-kwistjoni istituzzjonali orizzontali."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Presidenza Ungeriża, Pollakka, Daniża u dik Ċiprijotta tal-Kunsill**<br>"Huwa b'dan iddikjarat li l-ftehim milħuq bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fit-trilogu tat-23 ta' Mejju 2011 dwar id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Eurovignette) ma jippreġudikax ir-riżultat tan-negozjati interistituzzjonali dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni."<br>**Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew**<br>"Il-Parlament Ewropew jiddispjaċih li l-Kunsill ma kienx lest jaċċetta l-pubblikazzjoni obbligatorja tat-tabelli ta' korrelazzjoni fil-kuntest tal-proposta li temenda d-Direttiva 1999/62/KE. Huwa b'dan iddikjarat li l-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-trilogu tat-23 ta' Mejju 2011 dwar id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Eurovignette) ma jippreġudikax ir-riżultat tan-negozjati interistituzzjonali dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni.<br>Il-Parlament Ewropew jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tinfurmah fi żmien tnax-il xahar wara l-adozzjoni ta' dan il-ftehim fil-plenarja u biex tagħmel rapport fi tmiem il-perijodu tat-traspożizzjoni dwar il-prassi tal-Istati Membri li jfasslu t-tabelli proprji tagħhom li juru, sa fejn hu possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom pubbliċi." | | | |
| Direttiva 2011/77/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati | PE-CONS 16/11 + REV1 (sv) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>kontra: BE, CZ, LU, NL, RO, SI, SK, SE<br>astensjoni: AT, EE |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Isvezja**

Matul in-negozjati, l-Isvezja kellha riservi qawwijin rigward il-proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi estiż il-perijodu ta' protezzjoni għal reġistrazzjonijiet awdjo.

Fir-rigward tar-regolamentazzjoni ta' drittijiet tal-awtur inġenerali l-Isvezja dejjem saħqet dwar l-importanza li jittieħed kont tal-aspetti rilevanti u l-interessi involuti kollha, sabiex jinżamm bilanċ ġust fis-sistema tad-drittijiet tal-awtur. Aħna nemmnu li dan huwa essenzjali jekk irridu niżguraw b'suċċess ir-rispett għas-sistema tad-drittijiet tal-awtur fil-futur.

L-estensjoni tal-perijodu ta' protezzjoni għal reġistrazzjonijiet awdjo kif proposta la hija ġusta u lanqas ibbilanċjata. Għalhekk hemm ir-riskju li din ixxekkel aktar ir-rispett għad-drittijiet tal-awtur inġenerali. Żvilupp bħal dan huwa ta' sfortuna kbira għal dawk kollha li jiddependu fuq id-drittijiet tal-awtur għall-għixien tagħhom.

L-Isvezja temmen li hemm raġunijiet tajbin għall-miżuri mmirati lejn it-titjib tas-sitwazzjoni għal dawk il-mużiċisti u artisti professjonisti oħrajn li ta' spiss joperaw f'kondizzjonijiet ekonomikament diffiċli. Madankollu, l-estensjoni tal-perijodu ta' protezzjoni mhux ser tkun primarjament ta' benefiċċju għal dan il-grupp.

F'dan l-isfond, l-Isvezja jiddispjeċiha għad-deċiżjoni li tiġi adottata l-proposta li temenda d-Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-perijodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Belġju**<br>Fir-rigward tal-proposta għal direttiva dwar il-perijodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati, il-Belġju jemmen li estensjoni tal-perijodu mhijiex miżura adatta biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-artisti tal-ispettakli. Barra minn hekk, aħna nemmnu li l-konsegwenzi negattivi tal-proposta huma akbar mill-vantaġġi li ġġib magħha. Għalhekk aħna ma nistgħux nappoġġaw din il-proposta.<br>Jidher li l-miżura ser tkun ta' benefiċċju prinċipalment għal produtturi ta' reġistrazzjonijiet u mhux għall-artisti tal-ispettakli, ser ikollha biss effett limitat ħafna għall-biċċa l-kbira mill-artisti tal-ispettaklu, ser ikollha impatt negattiv fir-rigward tal-aċċessibbiltà għal materjal kulturali bħal dawk li jinsabu f'libreriji u arkivji, u ser toħloq piżijiet finanzjarji u amministrattivi supplimentari għal intrapriżi, organizzazzjonijiet tax-xandir u konsumaturi. Għalhekk, kif muri minn għadd kbir ta' studji akkademiċi[1], il-pakkett globali tal-proposta jidher żbilanċjat.<br>Fl-aħħar nett, wieħed għandu josserva li bosta inizzjattivi li għandhom rabtiet ċari mal-proposta u impatt fuqha, ġew reċentement adottati jew imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Mejju 2011[2]. Dawn l-inizjattivi jinkludu pereżempju proposta għal direttiva dwar xogħlijiet orfni, inizjattiva ġdida dwar il-ġestjoni kollettiva, u inizjattiva ġdida dwar id-distribuzzjoni online tax-xogħlijiet awdjoviżivi. B'kont meħud ta' dan l-approċċ globali ta' kwistjonijiet ta' drittijiet tal-awtur fis-suq intern, aħna naħsbu li jkun raġonevoli li l-merti ta' din il-proposta jiġu eżaminati mill-ġdid fil-kuntest ta' dan l-approċċ globali. | | | |
| Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji fir-rigward ta' mikroentitajiet | 10765/11 + COR 1 (de) + COR 2 (de) + ADD1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>astensjoni: DE, PT |

1 Ara pereżempju "The Proposed Directive for a Copyright Term Extension – A backward-looking package" Centre for Intellectual Property Policy & Management (CIPPM, Università ta' Bournemouth), is-Centre for Intellectual Property & Information Law (CIPIL, Università ta' Cambridge), l-Institute for Information Law (IViR, Università ta' Amsterdam), u l-Max Planck Competition and Tax Law (Munich); N. HELBERGER, N. DUFFT, S. VAN GOMPEL, B. HUGENHOLTZ, 'Never forever: why extending the term of protection for sound recordings is a bad idea', *EIPR* 2008, 174; S. DUSOLLIER, 'Les artistes-interprètes pris en otage', *Auteurs & Media* 2008, 426.

2 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2011, Suq Uniku għad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali li jagħti spinta lill-kreattività u l-innovazzjoni sabiex jipprovdi tkabbir ekonomiku, impjiegi ta' kwalità għolja u prodotti u servizzi tal-ogħla livell fl-Ewropa, COM (2011) 287

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Ġermanja tappoġġa t-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' kontabbiltà u rappurtaġġ finanzjarju għall-mikroentitajiet sabiex jitnaqqsu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa.<br>Għaldaqstant il-Ġermanja appoġġat il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. Dik il-proposta pprovdiet lill-Istati Membri bl-għażliet meħtieġa għall-għoti ta' eżenzjonijiet u hija konsistenti mal-isforzi ġenerali biex jitnaqqsu piżijiet amministrattivi, li ġew espressi bosta drabi fil-livell Ewropew ukoll. L-abbozz ta' pożizzjoni attwali tal-Kunsill ser tikseb tnaqqis konsiderevoli tar-rekwiżiti regolatorji għall-mikroentitajiet fil-qasam tal-kontabbiltà. Madankollu, il-Ġermanja kienet tippreferi tistabbilixxi limiti għoljin daqs dawk fil-proposta tal-Kummissjoni. Dan kien jagħti lill-Istati Membri l-alternattiva biex jiġu eżentati aktar kumpanniji żgħar. Barra minn hekk, it-test attwali ma għadux jinkludi possibbiltajiet reali għal eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' pubblikazzjoni, li kieku kienu jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi sostanzjalment. Għalhekk, il-Ġermanja ma tistax taċċetta l-pakkett attwali, li mar lil hinn wisq mill-proposta tal-Kummissjoni. Il-Ġermanja ser tkompli tirrakkomanda tnaqqis aktar ambizzjuż tal-piżijiet amministrattivi. | | | |
| **It-3110 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura/Sajd) li saret fil-Brussell fl-20 ta' Settembru 2011** | | | |
| Pożizzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 10/2011 fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE Adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Settembru 2011 | 12443/11 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **It-3111 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fi Brussell fit-22 u t-23 ta' Settembru 2011** | | | |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b'viża u dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' din il-lista | PE-CONS 42/11 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>astensjoni: DE |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

Fil-prinċipju, id-delegazzjoni Ġermaniża tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jistgħu jkunu approvati b'viża. Madankollu, il-Ġermanja ma tistax taqbel mal-proposta ppreżentata, għax għad għandha dubji dwar xi aspetti tal-proposta.

B'mod partikolari:

Ir-rikonoxximent ta' dokument permezz tan-nuqqas ta' notifika (Artikolu 4(1), it-tieni sentenza):

Il-proposta tipprevedi li dokument jitqies rikonoxxut jekk Stat Membru ma jesprimix il-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rikonoxximent fi żmien il-limitu ta' tliet xhur. Skont il-Ġermanja, l-istabbliment ta' konsegwenza legali awtomatika għan-nuqqas ta' notifika jmur kontra l-kompetenza tal-Istati Membri li jirrikonxxu dokumenti tal-ivvjaġġar, kif stipulat fl-Artikolu 1(3) tal-proposta.

Il-forza ġuridika tal-lista tal-UE u r-relazzjoni bejn il-lista tal-UE u lista nazzjonali:

Skont il-Ġermanja, r-relazzjoni tal-lista futura tal-UE mad-deċiżjonijiet nazzjonali ta' rikonoxximent nazzjonali li għadhom meħtieġa, mhijiex ċara. Skont il-Ġermanja, jekk l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għar-rikonoxximent, l-att legali nazzjonali tar-rikonoxximent jibqa' jgħodd ukoll b'mod estern.

L-adozzjoni tal-proposta ppreżentata tista' twassal għal każ fejn ċittadin ta' pajjiż terz b'dokument tal-ivvjaġġar mhux aċċettat mill-Ġermanja jingħata viża li tkun valida madwar iż-żona Schengen kollha, bħala riżultat ta' żball fit-trasmissjoni, iżda jinċaħdlu d-dħul fuq il-fruntiera Ġermaniża abbażi tal-lista Ġermaniża li tkun differenti.

Il-Ġermanja għalhekk issuġġeriet li tiżdied it-tieni sentenza segwenti mal-Artikolu 8:

"Il-pubblikazzjoni ser ikun fiha l-avviż li jgħid li r-referenzi għar-rikonoxximent jew għan-nonrikonoxximent mill-Istati Membri tal-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar elenkati mhumiex legalment vinkolanti.".

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

F'konformità mal-premessi (7) u (8) tad-Deċiżjoni dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b'viża u dwar il-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' din il-lista, il-Greċja tixtieq tiddikjara li:

Id-dokumenti tal-ivvjaġġar li wara li jgħaddu mill-proċedura msemmija fl-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni ta' hawn fuq jiġu elenkati bħala rikonoxxuti mill-Greċja, għandhom jitqiesu bħala mhux validi, f'każ li l-ismijiet tal-postijiet (toponimi) li jinsabu fit-territorju tar-Repubblika Ellenika jiġu rreġistrati b'denominazzjonijiet mhux preċiżi u għalhekk mhux aċċettabbli,.

Id-dħul għal detenturi ta' passaporti bħal dawn mhux ser ikun permess mill-awtoritajiet tal-fruntiera Elleniċi.Din il-miżura tapplika għal kwalunkwe dokument tal-ivvjaġġar elenkat fit-tliet partijiet kollha tal-lista.Il-Greċja titlob lill-Kummissjoni biex tinkludi d-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq fil-lista li għandha titħejja.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3113 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività) li saret fi Brussell fid-29 u t-30 ta' Settembru 2011** | | | |
| Direttiva 2011/82/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq | PE-CONS 44/11 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur ħlief: mhux jipparteċipaw: DK, IE, UK |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-bażi legali**
"Il-Kummissjoni tinnota li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew jaqblu dwar is-sostituzzjoni tal-bażi legali proposta mill-Kummissjoni, jiġifieri l-Artikolu 91, il-paragrafu 1c, TFUE bl-Artikolu 87, il-paragrafu 2, TFUE. Filwaqt li l-Kummissjoni tikkondividi l-fehma taż-żewġ koleġislaturi dwar l-importanza li jiġu segwiti l-għanijiet tad-Direttiva proposta biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, madankollu minn perspettiva legali u istituzzjonali tikkunsidra li l-Artikolu 87, il-paragratu 2, TFUE ma jikkostitwix il-bażi legali adatta u għalhekk, tirriżerva d-dritt li tuża l-mezzi legali kollha għad-dispożizzjoni tagħha. "

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni**
Il-qbil li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-proposta għal Direttiva li tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fit-trilogu tal-20 ta' Ġunju 2011 ma jippreġudikax l-eżitu tad-diskussjonijiet interistituzzjonali li għaddejjin dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida marbuta mas-sikurezza fit-toroq**
"Il-Kummissjoni se teżamina l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' linji gwida fil-livell tal-UE sabiex tiżgura konverġenza akbar fl-infurzar min-naħa tal-Istati Membri tar-regoli tat-traffiku fit-toroq permezz ta' metodi, prassi, standards u frekwenza ta' kontrolli paragunabbli, b'mod partikolari b'rabta mal-veloċità tas-sewqan, is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol, in-nuqqas taċ-ċinturin tas-sigurtà u n-nuqqas ta' waqfien quddiem sinjal tat-traffiku aħmar".

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni**
"Il-Kummissjoni tfakkar l-impenn tagħha li tiżgura li l-Istati Membri jistabbilixxu tabelli ta' korrelazzjoni li jorbtu l-miżuri ta' traspożizzjoni li huma jadottaw mad-direttiva tal-UE u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fil-qafas tat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, fl-interess taċ-ċittadini, tal-leġiżlar aħjar u taż-żieda fit-trasparenza ġuridika, u sabiex jiġi assistit l-eżami tal-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-UE.

Il-Kummissjoni tilmenta dwar in-nuqqas ta' appoġġ għad-dispożizzjoni mdaħħla fil-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq, li l-mira tagħha kienet biex l-istabbiliment tat-tabelli ta' korrelazzjoni jsir obbligatorju.

Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u sabiex tiżgura l-adozzjoni immedjata ta' dik il-proposta, tista' taċċetta s-sostituzzjoni tad-dispożizzjoni obbligatorja dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni inkluża fit-test bi premessa rilevanti li tħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu din il-prassi.

Madankollu, il-pożizzjoni li segwiet il-Kummissjoni f'dan il-fajl ma għandhiex titqies bħala preċedent. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha bil-għan li ssib, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, soluzzjoni xierqa għal din il-kwistjoni istituzzjonali orizzontali".

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**
Rigward l-Artikolu 4, il-paragrafu 2, is-subparagrafu 3:
Is-subparagrafu
'L-Istat Membru tar-reat għandu, skont din id-Direttiva, juża d-data miksuba sabiex jiġi stabbilit min hu personalment responsabbli għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imsemmija fl-Artikoli 2 u 3.'
għandu jinftiehem li l-persuna li hi personalment responsabbli fit-tifsira ta' din id-dispożizzjoni ma tista' tkun ħadd ħlief is-sewwieq, peress li huwa biss seta' jwettaq ir-reat. Għaldaqstant, fl-opinjoni tad-delegazzjoni Ġermaniża, kwalunkwe data li tingħata dwar id-detenturi tal-vetturi tista' tintuża biss għall-identifikazzjoni tas-sewwieq.

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Italja, il-Portugall u Spanja**
"L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Italja, il-Portugall u Spanja, jixtiequ jiddikjaraw li għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli għal reat tat-traffiku marbut mas-sikurezza fit-toroq, jistgħu jittieħdu l-miżuri kollha previsti mil-liġi nazzjonali."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<br>dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi,<br>li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006<br>tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,<br>u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE,<br>id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni<br>1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,<br>id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE<br>u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 | PE-CONS 43-11<br>+ COR 1 + COR 1 (de)<br>+ COR 2 (da)<br>+ COR 4 (de)<br>+ COR 5 (et)<br>+ COR 6 (pl)<br>+ COR 7 (ro)<br>+ COR 8 (it)<br>+ COR 9(de)<br>+ COR 10 (fi)<br>+ REV 1 (bg)<br>+ REV 2 (fr)<br>+ REV 3 (da)<br>+ REV 4 (el)<br>+ REV 5 (cs)<br>+ REV 6 (es)<br>+ REV 7 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>mhux jipparteċipaw:<br>DK, IE, UK |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar tagħrif dwar il-metodu ta' tbiċċir tal-annimali**
Ser jiġi kkunsidrat studju dwar l-opportunità biex il-konsumaturi jingħatalhom it-tagħrif rilevanti dwar l-isturdament tal-annimali qabel it-tbiċċir, fil-kuntest tal-istrateġija futura tal-UE għall-ħarsien u l-benessri tal-annimali.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-aspartame**
Fl-4 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) sabiex twettaq valutazzjoni mill-ġdid sħiħa dwar is-sikurezza tal-aspartame. L-EFSA aċċettat din it-talba u huwa mistenni li l-valutazzjoni xjentifika tkun lesta sa Settembru 2012. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-EFSA se tikkunsidra wkoll l-effett tal-aspartame fuq nisa tqal. Fid-dawl tal-opinjoni tal-EFSA, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk hemmx il-ħtieġa li tiġi riveduta l-leġislazzjoni eżistenti dwar l-aspartame u, jekk meħtieġ, tieħu miżuri legali xierqa, bħal reviżjoni tal-livelli massimi permessi u/jew titlob dispożizzjoni tat-tagħrif rilevanti għall-konsumaturi.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar koloranti tal-ikel**<br>Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa gwida dwar il-klassifikazzjoni tal-estratti tal-ikel bi proprjetajiet ta' koloranti. Huwa mistenni li l-gwida se tkun finalizzata fit-tieni nofs tal-2012. Ir-riżultat ta' dan ix-xogħol tekniku se jipprovdi l-bażi għall-irfinar tad-definizzjoni tal-kulur tal-ikel u sabiex jippermetti l-provvista ta' tagħrif preċiż lill-konsumaturi fir-rigward tal-użu tal-ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet ta' koloranti.<br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-ikel ippakkjat minn qabel għal bejgħ dirett**<br>L-istatus tal-ikel ippakkjat minn qabel għal bejgħ dirett f'termini ta' rekwiżiti tal-iġjene u l-provvista tat-tagħrif dwar l-ikel f'dak ir-rigward se jiġu kkunsidrati fil-kuntest tar-reviżjoni futura tal-Pakkett dwar l-Iġjene tal-Ikel.<br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**<br>Il-Kummissjoni tenfasizza li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, tat-28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat l-Artikolu 5, paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, punt (b) b'mod sistematiku. Rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jwieġeb għal ħtieġa speċifika li wieħed jitlaq mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita bl-Artikolu 5, paragrafu 4, ir-rikors għat-tieni subparagrafu, punt (b) ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni minn Spanja dwar forom addizzjonali ta' espressjoni u preżentazzjoni**<br>Spanja temmen b'mod qawwi li, minkejja l-emendi introdotti matul it-tieni qari tal-abbozz ta' Regolament, il-possibbiltà li jintużaw forom addizzjonali ta' espressjoni u preżentazzjoni fit-tikkettar dwar in-nutrizzjoni hija problematika u ma tikkonsistix f'informazzjoni aħjar għall-konsumaturi.<br>Kif diġà ddikjarat matul l-adozzjoni fl-ewwel qari tal-pożizzjoni komuni, Spanja temmen bis-sħiħ li l-koeżistenza ta' forom differenti ta' espressjoni u preżentazzjoni mingħajr bażi armonizzata ser tippromwovi l-eżistenza fis-suq ta' prodotti tal-ikel li t-tikkettar tagħhom ser ikun jinkludi tipi differenti ta' informazzjoni li huma diffiċli biex jinftehmu mill-konsumaturi. Kampanji ta' reklamar - maħsubin biex itejbu l-għarfien ta' forom u simboli grafiċi użati f'dawn il-forom ġodda ta' espressjoni u preżentazzjoni - li ser jiġu mnedija f'pajjiżi fejn dawn il-mudelli alternattivi jiġu implimentati, mhux ser ikunu disponibbli għal konsumaturi fi Stati Membri oħrajn.<br>Spanja tenfasizza d-diffikultajiet li jitfaċċaw meta wieħed jipprova jesporta linji politiċi dwar in-nutrizzjoni minn pajjiż għall-ieħor, minħabba drawwiet ta' ikel differenti fl-Istati Membri.<br>Barra minn hekk, u minkejja d-dispożizzjonijiet ġodda inklużi fl-Artikolu 34 tal-proposta, il-forom alternattivi ta' espressjoni u preżentazzjoni joħolqu riskju ta' qasma fis-suq intern b'konsegwenzi għall-kompetizzjoni.<br>Fl-aħħar nett, il-formulazzjoni ta' din il-proposta timplika aktar piżijiet amministrattivi għall-Istati Membri u timpedixxi li jsir progress lejn suq intern omoġenju.<br>B'kont meħud ta' dawn ir-raġunijiet, Spanja kienet tippreferi l-armonizzazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet bħala l-unika mekkaniżmu biex jinkiseb livell għoli ta' informazzjoni għall-konsumaturi u funzjonament bla xkiel tas-suq intern. | | | |

| **INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI**<br>**SETTEMBRU 2011** | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mis-Slovenja**<br>Is-Slovenja tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, għalkemm ma naqblux mad-dispożizzjonijiet tiegħu rigward it-tikkettar tax-xorb alkoħoliku. Dawn id-dispożizzjonijiet fil-fehma tagħna ma jsegwux l-għan tar-Regolament, li huwa li jittejbu r-regoli tat-tikkettar tal-ikel billi jagħtu lill-konsumaturi l-informazzjoni essenzjali meħtieġa għal għażliet ta' xiri infurmati.<br>L-ommissjoni ta' ċertu xorb alkoħoliku minn rekwiżiti ta' tikkettar obbligatorji għax-xorb fl-Artikolu 16(4) mhijiex konformi mal-miri tal-politika tas-saħħa tal-UE. Is-Slovenja hija partikolarment imħassba dwar l-effetti ta' saħħa negattivi marbuta mal-konsum ta' ħsara u perikoluż tal-alkoħol kif ukoll il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi relatati, b'mod partikolari fost il-popolazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ. Ċertu xorb alkoħoliku (alco pops) huwa tassew attraenti għaż-żgħażagħ u dan jista' jwassal għat-teħid ta' ammonti akbar ta' xorb u għal xorb taħt l-età. Il-konsum ta' xorb alkoħoliku jista' wkoll iżid il-piż, għalhekk it-tikkettar tal-valur enerġetiku ta' xorb alkoħoliku huwa informazzjoni importanti.<br>Is-Slovenja għalhekk tappella lill-Kummissjoni biex tittratta fid-dettall il-kwistjoni tal-eżenzjoni ta' ċertu xorb alkoħoliku mill-obbligi ta' tikkettar waqt li jkun qed isir ir-rapport dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 18 u 30(1) u biex tagħti attenzjoni speċjali lir-rekwiżit li tingħata informazzjoni dwar il-valur enerġetiku. Barra minn dan aħna nkomplu nħeġġu lill-Kummissjoni biex takkumpanja dan ir-rapport bi proposta leġislattiva li tiddetermina r-regoli għal lista ta' ingredjenti jew b'dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni għall-prodotti alkoħoliċi. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-1 ta' Settembru 2011** | |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 905/2011 tal-1 ta' Settembru 2011 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja<br>13443/11 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/625/PESK tat-22 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>13608/11 + REV 1 (de) | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tat-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>13609/11 + REV 1 (sv) | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-2 ta' Settembru 2011** | |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 906/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 193/2007, li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' polyethylene terephthalate li joriġina mill-Indja, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina, inter alia, fl-Indja<br>13434/11 + COR 1 (el) | |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall<br>13334/11 | |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda<br>13570/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2011/684/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/684/PESK tat-13 ta’ Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>13496/11 + COR 1 (el) + ADD 1 REV 1<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011 tat-13 ta’ Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>13642/11 + COR 1 (pl) + COR 2 (de) + COR 3 (da) + COR 4 (et) + COR 5 (fr) + ADD 1 REV 1<br><br>2011/523/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta’ Settembru 2011 li parzjalment tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana<br>13644/11 + COR (et)<br><br>**Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta' Settembru 2011**<br><br>Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 907/2011 tas-6 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1105/2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta’ tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta’ tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan<br>13456/11<br><br>**It-3109 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fit-12 ta' Settembru 2011**<br><br>2011/664/: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Kostituzzjoni u r-Regoli ta' Proċedura emendati tal-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma<br><br>13122/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 917/2011 tat-12 ta' Settembru 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>13470/11 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija<br>13733/11 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu<br>13566/11 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/538/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/565/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)<br>12956/11 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/537/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni Konġunta 2010/576/PESK dwar il-missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)<br>12945/11 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/536/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni Konġunta 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġorġja (EUMM Georgia)<br>12541/11 | |
| 2011/654/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/027 NL/Noord-Brabant Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)<br>13175/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2011/655/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2010/028 NL/Overijssel Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)<br>13176/11<br>2011/656/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/029 NL/Noord Holland u Utrecht Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)<br>13178/11<br>2011/657/: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EFG/2010/030 NL/ Noord-Holland u l-Flevoland Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)<br>13182/11<br>Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/029 NL/Zuid Holland u Utrecht Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)<br>13178/11<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank<br>12816/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda<br>13570/11<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall<br>13334/11<br>2011/547/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2011 dwar il-varar ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fir-Rumanija<br>12647/11<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Azerbajġan, ir-Repubblika tat-Turkmenistan u l-Unjoni Ewropea dwar qafas legali għal Sistema ta' Katusi (Gass Naturali) li jgħaddu mill-Kaspju<br>12729/11<br>**Proċedura bil-miktub konkluża fil-15 ta' Settembru 2011**<br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/625/PESK tat-22 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>14151/11<br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tat-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>14155/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3110 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura/Sajd) li saret fi Brussell fl-20 ta' Settembru 2011**<br>Direttiva tal-Kunsill 2011/84/UE tal-20 ta' Settembru 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, dwar il-prodotti kożmetiċi, għall-iskop tal-adattament tal-Anness III tagħha mal-progress tekniku (Test b'relevanza għaż-ŻEE)<br>12899/11 REV 1 (bg)<br>2011/697/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/697/PESK tal-20 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/621/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana<br>13035/11<br>**Proċedura bil-miktub konkluża fit-22 ta' Settembru 2011**<br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/625/PESK tat-22 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>14379/11 + COR 1 (it) + COR 2 (et) + COR 3 (de) + COR 4 (pt) + COR 5 (es) + COR 6 (lt) + COR 7 (bg) + COR 8 (nl) + COR 9 (ro) + COR 10 (sl)<br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tat-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>14384/11<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/627/PESK tat-22 ta' Settembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire<br>14395/11 + COR 1 (ro) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 949/2011 tat-22 ta' Settembru 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire<br>14396/11 + COR 1 (ro)<br>**Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2011**<br>2011/684/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/684/PESK tat-13 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>14110/11 ADD 1 REV 1<br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011 tat-13 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>14411/11 + COR 1 (et) + ADD 1 REV 1<br>**It-3111 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fi Brussell fit-22 u t-23 ta' Settembru 2011**<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar titjib fl-effiċjenza tal-programmi finanzjarji futuri tal-UE li jappoġġaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja<br>13971/11 + REV1 (pl)<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri<br>9822/11 + COR1 (fi) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża tas-26 ta' Settembru 2011**<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 964/2011 tas-26 ta' Settembru 2011 dwar l-iffissar tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Lulju 2010 għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti b'kuntratt tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu f'pajjiżi terzi<br>13480/11<br><br>**It-3112 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin/Kummerċ) li saret fi Brussell fis-26 ta' Settembru 2011**<br><br>2011/637/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2011 li temenda u testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/641/KE dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Partenarjat AKP-KE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp<br>13845/11<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/635/PESK tas-26 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja<br>14104/11<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 956/2011 tas-26 ta' Settembru 2011 li jimplimenta l-Artikoli 12(1) u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja<br>14109/11<br><br>Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili<br>13989/1/10 REV 1 + COR 1 (fi) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-28 ta' Settembru 2011**<br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 965/2011 tat-28 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>14582/11 COR 1 + COR 2 (el) + REV 1 (cs)<br>**It-3113 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (Kompetittività) li saret fi Brussell fid-29 u t-30 ta' Settembru 2011**<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2011 tal-Qorti tal-Awdituri rigward il-verifika tal-Faċilità ta' garanzija għall-SMEs<br>14208/11<br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/641/PESK tad-29 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova<br>14337/11<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/639/PESK tad-29 ta' Settembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>14091/11 + REV1 (en)<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 968/2011 tad-29 ta' Settembru 2011 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>14094/11 + REV1 (en) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>SETTEMBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija Ewropea kompetittiva: Kompetittività industrijali fid-dawl tal-effiċjenza fir-riżorsi<br>14181/11<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-inizjattiva tal-ipprogrammar konġunt 'Iktar Snin, Ħajjiet Aħjar'<br>14205/11 | |